MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 1288/2003

Kawza fil-lista: 53

**A B**
**vs**
**C D E**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-partijiet izzewgu fil-5 ta’ April 2003 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal; u

Premess illi l-kunsens tal-attrici ghaz-zwieg imsemmmi nkiseb bi vjolenza morali u biza’; u

Premess illi ghal dan iz-zwieg il-konvenut ta l-kunsens tieghu ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghal att taz-zwieg, izda ghamel dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

Premess illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga tieghu u jew b' anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibli ghall-konvenut li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fil-5 ta' April 2003, huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat li l-konvenut debitament ingunt baqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fil-5 ta' April 2003 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali jinsab vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a][f] u [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici, cittadina Marokkina, izzewwget lill-konvenut, cittadin Malti, fil-5 ta' April 2003 wara li kienu ilhom jafu lil xulxin cirka xaharejn. Wara ftit xhur ta' konvivenza matrimonjali l-attrici saret taf li l-

konvenut kellu relazzjoni ma' mara ta' nazzjonalita' Maltija u kellu tarbija minnha. Konsegwentement l-attrici sseparat de facto minn ma' zewgha l-konvenut u fit-28 ta' Novembru 2003 prezentat ic-citazzjoni. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-Qorti f' dan il-kaz tikkonfigura fil-konfront tal-konvenut il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat, stante li jirrizulta car li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-konvenut internament eskluda b' att posittiv tal-volonta' tieghu l-obbligu tal-fedelta' u ta' l-esklusivita' fiz-zwieg. Jirrizulta car li huwa ma kellux l-intenzjoni li jkun fidil lejn martu l-attrici.

Ghaldaqstant it-talba attrici hija gustifikata fit-termini ta' l-artikolu 19[1][f] tal-Kap.255

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijeit fit-28 ta' April 2003. L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------